MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 241/2006

***Bank of Valletta p.l.c.***

***Versus***

**Carmelo u Mary miżżewġin Agius**

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob mingħand il-konvenuti l-ħlas ta' wieħed u għoxrin elf, ħames mija u disgħa u għoxrin lira u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm21,529.57) – daqs ħamsin elf, mija u ħamsin euro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€50,150.41) – bilanċ ta' *loan account* li l-konvenuti għandhom magħha. Qiegħda titlob ukoll l-imgħax mill-11 ta' Marzu 2006 sa meta jsir il-ħlas, u l-ispejjeż, fosthom dawk ta' ittra uffiċjali tat-3 ta' Frar 2005 u ta' mandat ta' sekwestru ippreżentat flimkien mar-rikors maħluf.
Il-konvenuti b'nota tat-3 ta' Diċembru 2008 ammettew it-talbiet ta' l-attriċi.

Il-qorti għalhekk taqta’ l-kawża fuq ammissjoni tal-konvenuti billi tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attriċi ħamsin elf, mija u ħamsin euro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€50,150.41) flimkien ma’ l-imgħaxijiet u l-ispejjeż mitluba fir-rikors maħluf.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------